MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2009

Numru. 1523/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Malcolm Bondin)**

**vs**

**CATALDO VELLA (k/a Aldo) 129470(M) bin Vincent u Carmena nee' Vella imwieled Pieta' fl-10 ta' Marzu 1970 u residenti Block A4, Flat 4, Triq Ganni Bonnici, Zebbug.**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Cataldo Vella li permezz taghha huwa gie akkuzat talli:

F'xi granet qabel id-9 ta' Dicembru 2007 f'residenza Block4A, Flat 4 Triq Ganni Bonnici, Zebbug minghajr il-hsieb li joqtol jew li iqieghed il-hajja ta' missieru Vincent Vella ta' 79 sena f'periklu car, ikkagunalu feriti gravissimi

skond kif iccertifika Dr. Samuel Aquilina M.D. ta'l-Isptar Mater Dei.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta' dan il-procediment.

Semghet il-provi.

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali tat-8 ta' Ottubru 2008.

Semghet illi l-imputat ma kellux oggezzjoni illi dana il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat Cataldo Vella jinsab akkuzat li ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq missieru Vincent Vella illi illum huwa mejjet. Illi huwa fatt mhux ikkontestat illi l-mewt ta' Vincent Vella ma kenitx relatat mal-griehi illi irrizultaw illi kien qieghed isofri minnhom missier l-imputat meta iddahhal l-isptar. Fil-fatt kemm mir-rapport u ix-xhieda ta' Dr. Mario Scerri u kif ukoll mir-rapport ta'l-awtopsja u l-konkluzjonijiet ta'l-esperti il-Profs. Marie Therese Camilleri, u Dr. Ali Safraz, jirrizulta illi Vincent Vella miet b'konsegwenza ta' attakk tal-qalb. Madanakollu mill-provi johrog illi meta Vincent Vella iddahhal l-isptar huwa kien qieghed isofri minn griehi ta' natura gravi u dana anke kif iccertifika it-tabib ta'l-Emergenza Dr. Samuel Aquilina li xehed f'dawna il-proceduri. Il-pazjent kellu diversi tbengil fuqu, ksur f'idejh u anke fl-ghaksa ta' saqajh. L-imputat jammetti kemm mal-pulizija, fl-istqarrijiet rilaxxjati minnu (Dokumenti CV1 u CV2), kif ukoll mat-tabib Aquilina meta dahhal lil missieru l-Emergenza ta'l-Isptar, illi huwa kien taha daqqa ta' harta lil missieru fuq wiccu, u ukoll illi kien hemm okkazzjoni meta missieru kien waqa' mis-sodda u hu kien rifsu bi zball. Illi missier l-imputat ma kienx lahaq gie mitkellem mil-pulizija qabel ma miet peress illi kien fi stat konfuzjonali, izda lill-pulizija kien qalilhom biss il-kliem

“waqajt waqajt”, li jikkonfermaw ghalhekk il-verzjoni moghtija mill-imputat lill-pulizija.

Il-Qorti meta tigi biex tqies l-akkuza odjerna, ma tistax tinjora ix-xenarju wara dan il-kaz. L-imputat kien qieghed jiehu hsieb lil missieru u kien ilu jaghmel dana ghal diversi snin. Fiz-zmien kollu illi dam jiehu kura ta’ missieru ma jidhirx illi qatt kien hemm xi rapport la mal-pulizija u lanqas mas-social workers li kienu isegwu lil missieru illi kien hemm xi kazijiet ta’ maltrattament jew abbuz min-naha tat-tifel fil-konfront ta’ missieru. Jidher illi kien biss recentement illi t-tifel ma kienx kapaci jiehu iktar kura ta’ missieru minhabba l-mard u l-eta avvanzata tal-missier u kien anke qieghed jitlob ghall-ghajnuna. Jidher illi Vincent Vella kellu bzonn kura minn nies specjalizzati u li ibnu ma setax joffrilu dina l-kura u ikompli bil-hajja tieghu ta’ kuljum. Ghalhekk inqalghu xi incidenti fejn minhabba sforz ta’l-ghejja u inkwiet, it-tifel ma felahx ghal dina is-sitwazzjoni u tilef xi ftit il-kontroll ta’l-azzjonijiet tieghu u gholla idejh fuq missieru. Illi ma hemmx prova madanakollu dwar kif gew il-feriti l-ohra ghalkemm l-imputat jammetti illi dwar il-ferita fl-ghaksa dina giet ikkagunata b’mod involontarju meta huwa bi zball rifes lil missieru f’okkazzjoni ohra fejn il-missier kien waqa’ mis-sodda.

Illi ghalhekk huwa biss ir-rapport ta’l-espert Dr.Mario Scerri li jista’ jitfa ftit dawl fuq il-kagun ta’ dawn il-feriti. It-Tabib isostni illi id-dbengil kollu illi huwa irriskontra fil-pazjent huma kollha kompatibbli ma *blunt trauma* u id-dbengil assocjat ma’ abrazjonijiet fuq it-tarf ta’ isfel ta’l-id ix-xellugija huma kompatibbli ma *grip marks*. Illi l-imsemmi espert fil-konkluzjoni numru 8 fir-rapport tieghu ighid: “Illi l-esponent hu sodisfatt illi l-kawza diretta tal-mewt ta’ Vincent Vella kienet relatata ma’ kundizzjoni kardjologika u li d-daqqiet elenkati ma kkagunawx il-mewt tieghu, izda l-esponent ma jistax ma jigbidx l-attenzjoni ta’ din il-qorti dwar il-fatt illi l-anzjan Vincent Vella gie abbuzat fizikalment minn ibnu ghalkemm l-effett ta’ dan l-abbuz ma kkagunax direttament il-mewt tieghu.” Il-Qorti madanakollu ma thossx illi dina l-konkluzjoni hija sostanzjata mill-provi migjuba quddiemha u ghalkemm it-

tabib ighid li iriskontra diversi tbengil fuq gisem Vincent Vella kompatibbli ma *blunt trauma* madanakollu ma hemmx prova illi l-imputat kien jabbuza minn missieru ghajr ghall-amissjoni fl-istqarrija tieghu illi huwa tah xebba f'okkazzjoni wahda u involontarjament rifsu darba ohra.

Illi fin-nota tar-rinviju tieghu ghal gudizzju l-Avukat Generali jindika zewg disposizzjonijiet tal-Ligi u cioe' l-artikoli 216 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li dwarhom tista' tinstab htija u cioe' ir-reat ta'l-offiza gravi u volontarja fuq il-persuna. Illi mill-assjem tal-provi migbura kif indikat iktar 'il fuq ma jidhirx illi l-Qorti tista' issib htija taht xi wahda minn dawn id-disposizzjonijiet tal-Ligi u dana peress illi l-offiza gravi li irrizultat jidher illi giet ikkagjonata b'mod ghal kollox involontarju u huma biss l-offizi ta' natura hafifa li gew ikkagjonati b'mod volontarju meta jidher illi l-imputat xejjer daqqa ta' harta lil missieru. Illi l-imputat ghalhekk jsta'' jinsab hati biss ta'offiza volontarja ta' natura hafifa kif ukoll ta' offiza gravi involontarja kif previst fl-artikolu 225 tal-Kapitolu 9.

Illi dwar piena l-Qorti ma tistax tinjora il-fatt illi dana ir-reat gie kommess minn iben fuq missieru, madanakollu mill-provi migjuba jidher illi dana kien incident sfortunat peress illi l-imputat jidher illi kien ilu jiehu hsieb missieru ghal diversi snin u kien biss fl-ahhar xhur ta' hajtu illi l-kundizzjoni ta' sahha tal-missier tant ideterjoraw illi kien impossibbli ghall-imputat li ikompli jiehu hsieb missieru minghajr ghajnuna minn ghand nies professjonali. Inoltre l-imputat ghandu fedina penali nadifa.

Ghaldaqstant, l-Qorti, wara li rat l-artikolu 221(1), 222(1)(a) u 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati li ikkaguna ferita ta' natura hafifa, kif ukoll li ikkaguna involontarjament ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' missieru Vincent Vella, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti qieghda tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkomettiex reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qieghda twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul dana il-perijodu ta' liberta kondizzjonata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------